MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 277/2003

**Forsite Design**
**&**
**Project Management Services Ltd**

**vs**

**Delcarm Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn Lira Maltin (LM2,000) lis-socjeta' attrici, liema somma tirrapprezenta depozitu li kien gie moghti lilha mis-socjeta' attrici skond kif jirrizulta mill-konvenju datat 24 ta' April tas-sena 2001 (DOK A) fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar koncernanti l-flat internament markat**

**bin-numru erbgha (4), formanti parti minn blokk ta' flats bla numru ufficjali, jismu "Da Rosi Court' fi Triq il-Qalb ta' Gesu, San Giljan, liema konvenju, wara li kien gie estiz, illum il-gurnata skada.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 16 ta' Dicembru tas-sena 2002 (DOK B), li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Dicembru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------